Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 23 ta' April 2024**

**Seduta Zurrieq**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**Versus**

**Vincent Debono**
**(160374M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Vincent Debono**, detentur tal-karta tal-identita' 160374M.

Akkuzat talli nhar l-14 ta' Lulju 2021 u fix-xhur u l-granet ta' qabel :

1. Hadem jew kien impjegat bhala gwardjan privat, gwardjan privat specjalizzat jew gwardjan privat f'post ta' divertiment, jew ufficjal tal-komunita' bi ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att 389 jew ta' xi licenzja mahruga bis-sahha tieghu.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tal-20 ta' Frar 2024, irregistra ammissjoni ghall-akkuza kif migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.
**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall- imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-**imputat Vincent Debono hati** ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u qed **tikkundannah ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' mitt Euro (€100.00)**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**